MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 921/2008

**Maresco Trading Limited.**

**vs**

**GEL SpA.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Maresco Trading Limited registrat bin-numru ta’ registrazzjoni C 16709 datata 12 ta’ Settembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess li Raymond Galea (ID 357553M) direttur tas-socjeta` rikorrenti ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` rikorrenti jikkonferma bil-gurament filwaqt li jiddikjara li huwa jaf bil-fatti hawn esposti personalment:-

Illi s-socjeta` rikorrenti kienet giet inkarigata taghmel xoghlijiet u tforni materjal fil-Qawra Palace Hotel, Qawra

Seafront, Qawra rigwardanti s-sistema ghall-provvista tal-ilma ghall-imsemmija Hotel;

Illi bhala kuntrattur is-socjeta' rikorrenti s-subappaltat il-provvista ta' materjal lill-kumpanija konvenuta li ntrabtet li tforni materjal u taghti servizzi skont t-talba tal-attrici;

Illi il-kumpanija konvenuta kisret l-obbligi kontrattwali taghha billi naqset milli tforni l-materjal u taghti s-servizzi mitluba skont kif pattwit bejn il-partijiet;

Illi kagun tal-inadempjenza kontrattwali tal-kumpanija konvenuta l-attrici ma setghetx tikkommissjona x-xoghlijiet fit-terminu pattwit mal-lukanda msemmija u ghalhekk soffriet danni kbar kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza anke ghaliex sabiex tadempixxi mal-obbligi taghha fil-konfront tal-lukanda kellha tissuplixxi hi provista tal-ilma alternattiva biex taghmel tajjeb ghal dak li kellha bzonn il-lukanda;

Illi s-socjeta` rikorrenti sofriet ukoll danni kbar konsistenti f’telf ta' qligh u ta' kapital, kif ukoll f’dannu ghar-reputazzjoni u l-kompetitivita' tas-socjeta' nnifisha u konsegwenzjali telf ta' negozju;

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet debitament interpellata mis-socjeta' rikorrenti, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta kisret l-obbligi kontrattwali taghha billi naqset milli tforni l-materjal u taghti s-servizzi mitluba skont kif pattwit bejn il-partijiet;

2. Tiddikjara l-kumpanija konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici,

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans* kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza;

4. Tikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas tad-danni liwkidati kif jinghad.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju 2008 u bl-imghaxijiet kummercjali mill-prezentata tal-ittra ufficjali;

Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attrici u naxxenti mill-fatti dikjarati.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti a fol. 4 sa 44 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Jannar 2009.

Rat li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata skont kif jirrizulta mill-atti esebiti man-nota tar-Registrur, Qrati Civili u Tribunali datata 27 ta' Frar 2009, fejn jidher li s-socjeta' konvenuta giet notifikata fit-8 ta' Jannar 2009 (fol. 58/60) bir-rikors guramentat bil-lingwa taljana (li kopja taghha tinsab annessa fl-istess process – fol. 66A sa 66D) izda l-istess socjeta' konvenuta ma pprezentat l-ebda risposta guramentata u lanqas dehret fil-kawza u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta' Marzu 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. John Refalo ghas-socjeta` attrici li nforma l-Qorti li jidher lis-socjeta` intimata giet notifikata fit-8 ta' Jannar 2009 a fol. 60 u ma jidhirx li giet prezentata risposta guramentata. Is-socjeta` konvenuta msejha diversi drabi baqghet ma dehritx. Dr. Refalo talab zmien biex jipprezenta prospett tad-danni, il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghat-22 ta' April 2009.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ April 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. John Refalo ghas-socjeta` attrici li ddikjara m’ghandux provi izjed. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta’ Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta` rikorrenti kienet giet inkarigata taghmel xoghlijiet u tforni materjal fil-Qawra Palace Hotel, Qawra Seafront, Qawra rigwardanti s-sistema ghall-provvista tal-ilma ghall-imsemmija Hotel; bhala kuntrattur is-socjeta' rikorrenti tat taht subappalt il-provvista ta' materjal lill-kumpanija konvenuta li ntrabtet li tforni materjal u taghti servizzi skont t-talba tal-attrici.

Illi fil-fatt jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kellha tforni lis-socjeta’ attrici b’Sea Water Reverse Osmosis Desalination System Gelpur garantit li jahdem sew ghall-4 snin minghajr problemi (fol. 6) u servizzi relatati mal-istess, u tali garanzija giet ikkonfermata permezz ta’ korrispondenza datata 10 ta’ Jannar 2007 (fol. 21); dan l-impjant gie kkonsenjat lis-socjeta’ attrici u dan gie installat fl-istess Hotel mis-socjeta’ attrici, bis-socjeta’ konvenuta tikkonferma li l-istess impjant kien gie installat sew.

Illi jirrizulta li l-impjant ma bediex jahdem sew, u dan partikolarment minhabba li l-pompi Grundfos, (parti mill-impjant tal-GEL) ma kienux qed jahdmu tajjeb (fol. 23), u fil-fatt jirrizulta li kellu jsir intervent mis-socjeta’ kif jidher mir-rapport tas-socjeta’ konvenuta stess datat 31 ta’ Mejju 2007 (fol. 28), bil-konsegwenza li minhabba dan il-Hotel thalliet ghaz-zmien twil minghajr ilma u ta’ din kellha taghmel tajjeb is-socjeta’ attrici u dan billi tforni lill-istess Hotel bl-ilma sakemm is-sistema bdiet tithaddem sew (kif

jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti mar-rikors promotorju) u dan minbarra li l-istess socjeta' attrici inkorriet spejjez relatati kollox kif jidher mill-prospett datat 1 ta' Awissu 2007 (fol. 69), b'dan li jirrizulta li minhabba dawn in-nuqqasijiet *da parte* tas-socjeta' konvenuta, s-socjeta' attrici sofriet l-ammont ta' danni fl-ammont ta' €67,746 ewro, mahduma bil-mod kif indikat fl-istess prospett esebit man-nota attrici datata 20 ta' April 2009. Jirrizulta li dan kollu gie pruvat mill-affidavit ta' Raymond Galea, direttur tas-socjeta' attrici u mid-dokumenti esebiti kemm mar-rikors promotorju u kif ukoll waqt il-kawza, b'dan li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati fil-grad rikjest mill-ligi, u lanqas jirrizulta li gew kontradetti f'din il-kawza mill-konvenuti, u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta kisret l-obbligi kontrattwali taghha billi naqset milli tforni l-materjal u taghti s-servizzi mitluba skont kif pattwit bejn il-partijiet;

2. Tiddikjara l-kumpanija konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici.

3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' sebgha u sittin elf, sebgha mija u sitta u erbghin ewro (€67,746).

4. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta ghall-hlas tad-danni likwidati kif jinghad fl-ammont ta' sebgha u sittin elf, sebgha mija u sitta u erbghin ewro (€67,746).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Gunju 2008 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-1 ta’ Awissu 2007 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------